



## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 124/22

il-Lussemburgu, 14 ta' Lulju 2022

Sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawżi C-128/20 | GSMB Invest, C-134/20 | Volkswagen u C-145/20 | Porsche Inter Auto u Volkswagen

### **Software, li huma mgħammra bih vetturi Diesel, li jnaqqas l-effettivitā tas-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet f'temperaturi abitwali u fil-parti l-kbira tas-sena, jikkostitwixxi apparat ta' manipulazzjoni pprojbit**

*Peress li tali difett tal-vettura ma huwiex minuri, ix-xoljiment tal-kuntratt ta' bejgħ tal-vettura ma huwiex, bħala prinċipju, eskuż*

Xi xerrejja ta' vetturi tad-ditta Volkswagen mgħammra b'software li jnaqqas ir-riċirkolazzjoni tal-gassijiet li jniġġsu tal-vettura skont, b'mod partikolari, it-temperatura mkejla, qegħdin jitkol quddiem il-qrat Awstrijaki l-annullament tal-kuntratti ta' bejgħ tagħhom konklużi bejn l-2011 u l-2013. (punt 2)

Skont l-indikazzjonijiet ta' dawn il-qrat, dan is-software jiġi l-osservanza tal-valuri limitu stabbiliti fil-livell tal-Unjoni għall-emissjoni tal-ossidu tan-nitroġenu (NOx) biss meta t-temperatura esterna tkun bejn 15 u 33 grad Celsius (iktar 'il quddiem it-“tieqa ta' temperaturi”). Lil hinn minn din it-tieqa, ir-rata ta' riċirkolazzjoni tal-gass tal-eż-ġost (EGR) titnaqqas b'mod linearis sa 0, li jwassal sabiex jinqabżu l-valuri limitu. (C-128/20, punti 19, 30, 34)

Din it-tieqa ta' temperaturi tirriżulta minn aġġornament tas-software tal-vetturi inkwistjoni mwettaq minn Volkswagen, sabiex jiġi ssostitwit software pprojbit skont id-dritt tal-Unjoni. (C-128/20, punt 19) L-Uffiċċju Federali Ġermaniż għat-Traffiku tal-Vetturi bil-Mutur kien awtorizza dan l-aġġornament, wara li kkonkluda li dan ma kienx jikkostitwixxi apparat ta' manipulazzjoni pprojbit. (C-134/20, punt 25)

Il-Qorti Suprema Awstrijaka, il-Qorti Reġjonali ta' Eisenstadt u l-Qorti Reġjonali ta' Klagenfurt ressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja diversi domandi dwar il-legalità ta' tali tieqa ta' temperaturi u d-drittijiet eventwali tax-xerrejja, sa fejn dawn huma konsumaturi, skont il-leġiżlazzjoni Ewropea fis-seħħi meta seħħew il-fatti.

Permezz tas-sentenzi tagħha ta' llum, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li **apparat li jiggarrantixxi l-osservanza tal-valuri limitu ta' emissjonijiet ta' ossidu tan-nitroġenu biss fit-tieqa ta' temperaturi jikkostitwixxi apparat ta' manipulazzjoni bħala prinċipju pprojbit skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 715/2007<sup>1</sup>.** (C-128/20, dispożittiv 1)

Il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza f'dan ir-rigward, minn naħħa, li temperaturi tal-arja ta' inqas minn 15-il grad Celsius, huma ta' natura abitwali fit-territorju tal-Unjoni. (C-128/20, punt 44). Min-naħħa l-oħra, il-valuri limitu ta' emissjonijiet stabbiliti fil-livell tal-Unjoni għandhom jiġi osservati anki meta t-temperaturi jkunu ħafna inqas minn 15-il grad Celsius. (C-128/20, punt 45). Għaldaqstant, software, bħal dak inkwistjoni, inaqqas l-effettivitā tas-sistema ta' kontroll

<sup>1</sup> Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward ta' l-emissjonijiet ta' vetturi ħief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswi u l-manutenzjoni tal-vetturi (ĠU 2007, L 171, p. 1).

tal-emissjonijiet f'kundizzjonijiet ta' użu normali. (C-128/20, punt 46)

Is-sempliċi fatt li dan l-apparat jikkontribwixxi għall-preżervazzjoni jew għall-protezzjoni tal-komponenti distinti tal-magna, bħalma huma l-valvola tal-EGR, l-iskambjatur tal-EGR u l-filtru tal-partikulati tad-diesel, madankollu ma jagħimluhx legali. (C-128/20, punt 52, dispożittiv 2)

**Dan jista' jkun mod ieħor jekk jiġi stabbilit li dan l-apparat jissodisfa strettament il-bżonn li jiġu evitati riskji immedjati ta' ħsarat jew ta' inċident tal-magna**, ikkawżati minn nuqqas ta' funzjonament ta' wieħed minn dawn il-komponenti, ta' gravità tali li joħolqu perikolu konkret matul is-sewqan tal-vettura mgħammra bl-istess apparat. (C-128/20, dispożittiv 2) Tali "bżonn" jeżisti biss meta, fil-mument tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' dan l-apparat jew tal-vettura li hija mgħammra bih, ebda soluzzjoni teknika oħra ma tippermetti li jiġu evitati tali riskji. (C-128/20, punt 69) **Huwa l-kompitu tal-qrati tar-rinviju li jivverifikaw jekk dan huwiex il-każ fir-rigward tal-apparat ta' manipulazzjoni li l-vetturi inkwistjoni jkunu mgħammra bih.** (C-128/20, punt 62) Il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar madankollu f'dan il-kuntest li s-sempliċi għan li l-magna tīgħi protetta milli tinstadd jew tiqdien ma jistax jiġi jidher l-apparat ta' manipulazzjoni<sup>2</sup>. (C-128/20, punt 55)

Fi kwalunkwe każ, anki jekk il-bżonn imsemmi iktar 'il fuq ikun jeżisti, **I-apparat ta' manipulazzjoni huwa pprojbit jekk huwa għandu, f'kundizzjonijiet normali ta' sewqan, jiffunzjona fil-parti l-kbira tas-sena.** (C-128/20, dispożittiv 2) Fil-fatt, li tali apparat jiġi aċċettat ikun jista' jwassal sabiex l-eċċeżżoni tiġi applikata iktar ta' spiss mill-projbizzjoni u għalhekk ikun jippreġudika b'mod sproporzjonat il-prinċipju nnifsu tal-limitazzjoni tal-emissionijiet tal-ossidu tan-nitrogħenu. (C-128/20, punti 63, 65)

Il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża, barra minn hekk, li ċ-ċirkustanza li apparat ta' manipulazzjoni ġie installat wara t-tqegħid fis-servizz ta' vettura ma hijiex rilevanti sabiex jiġi evalwat jekk l-użu ta' din id-dispożizzjoni huwiex ipprojbit. (C-134/20, dispożittiv 3)

**F'dak li jirrigwarda d-drittijiet tal-konsumaturi meta huma jkunu xraw oġġett mhux konformi mal-kuntratt,** il-leġiżlazzjoni Ewropea applikabbli għal meta seħħew il-fatti, jiġifieri d-Direttiva 1999/44<sup>3</sup>, kienet tipprevedi li l-konsumatur ikun jista' jeżiġi mill-bejjiegħ it-tiswija tal-oġġett jew is-sostituzzjoni tiegħu, sakemm dan ma jkunx impossibbli jew sproporzjonat. (C-145/20, punti 90, 91) Huwa biss jekk il-konsumatur la għandu dritt għat-tiswija u lanqas għas-sostituzzjoni, jew jekk il-bejjiegħ ma ta l-ebda wieħed minn dawn it-tipi ta' kumpens għad-dannu f'terminu raġonevoli jew mingħajr inkonvenjent kbir għall-konsumatur li dan tal-aħħar jista' jeżiġi tnaqqis adegwat tal-prezz jew ix-xoljiment tal-kuntratt. Madankollu, ix-xoljiment huwa eskluż jekk in-nuqqas ta' konformità tal-oġġett huwa minuri.

**Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata f'dan ir-rigward li vettura ma jkollhiex in-natura abitwali tal-oġġetti tal-istess tip li l-konsumatur jista' raġonevolment jistenna' u għalhekk ma tkunx konformi mal-kuntratt jekk, minkejja li tkun koperta minn approvazzjoni tat-tip tal-KE fis-seħħ u tkun tista', konsegwentement, tintuża fit-triq, din il-vettura tkun mgħammra b'apparat ta' manipulazzjoni pprojbit. (C-145/20, dispożittiv 1)**

Barra minn hekk, **tali assenza ta' konformità ma tistax tiġi kklassifikata bħala "minuri"**, anki jekk, jekk jitqies li l-konsumatur kellu għarfien tal-eżistenza u tal-funzjonament ta' dan l-apparat, dan il-konsumatur xorta kien jixtri din il-vettura. (C-145/20, dispożittiv 3) Konsegwentement, ix-xoljiment tal-kuntratt ma huwiex, bħala prinċipju, eskuż.

**NOTA:** Ir-rinvju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrat tal-İstati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitkol lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċċiedi dwar il-validità ta'

<sup>2</sup> Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Diċembru 2020, CLCV et (Apparat ta' manipulazzjoni fuq magna diesel), [C-693/18](#) (ara SS [Nru 170/20](#)).

<sup>3</sup> Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar ċerti aspetti tal-bejgħ ta' oġġetti tal-konsum u garanziji assoċjati magħħom (ĠU Edizzjoni Specjalji bil-Malti, Kapitolo 15, Vol. 4, p. 223)

att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċċiali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-test sħiħ u s-sunti tas-sentenzi ([C-128/20](#), [C-134/20](#) u [C-145/20](#)) jinsabu fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-ġhoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106

Ibqgħu konnessi!

